**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 10 ta' Marzu 2021**

Rikors Numru: 217/20 AL

A B

vs

C D

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-partijiet żżewġu fis-16 t' April 2014 fir-Reġistru Pubbliku (Reġistru ta' żwiġjiet) ta' Malta, fil-Belt Valletta (Dok A anness) u miż-żwieġ tagħhom ma kellhomx tfal;

2. Illi l-partijiet ilhom separati de facto minn Ġunju 2016 u legalment separati b' kuntratt ippublikat min-Nutar Dr. Roberta Borg fis-26 t' April 2017 (Dok B anness);

3. Illi ma jeżisti u qatt ma eżista, ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom minħabba illi ilhom snin twal mifrudin u jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin;

4. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Illi qed jiġi anness ukoll ma' dan ir-rikors l-affidavit tar-rikorrenti nnifisha (Dok C);

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-28 ta' Lulju, 2020;

Semgħet lill-intimat prezenti fl-awla fuq domanda tal-Qorti jwieġeb li ma għandu l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Ligi sabiex zwieg jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom separati *de* facto minn Gunju, 2016 u legalment separati mis-26 ta' April; 2017;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.